# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru:446/97

Henry Underwood
vs
Air Supplies and Catering Company Limited

Illum 8 ta' Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi/jew ghall-habta tas-27 ta' Settembru 1989, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn promozzjoni li kien jisthoqqlu, minghajr raguni valida, anzi x'aktarx minhabba mottivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien ilu impjegat mal-Air Supplies and Catering Company Limited mill-1974.

Illi xi zmien qabel is-27 ta' Settembru 1989, harget 'Call for Applications" ghall-post ta' Executive Officer mal-Kumpanija intimata u ir-rikorrent, billi kellu l-kwalifiki, l-esperjenza u s-seniority necessarja, applika ghall-interview biex jilhaq f'dak il-grad.

Illi r-rikorrent qaghad ukoll ghall-interview, li fiha mar tajjeb ferm u kollox kien juri li r-rikorrent kien ser jinghata l-grad ta' Executive Officer.

Illi b'sorpriza ghal kulhadd, wara l-imsemmi interview il-kumpanija intimata ma tatx il-promozzjoni ta' Executive Officer lir-rikorrent izda minghajr ebda raguni spjegabbli, holqot grad gdid ta' 'Officer' b'kundizzjonijiet ta' xoghol differenti ghal kollox minn dawk ta' 'Executive Officer' u minghajr ebda sejha ghal applikazzjonijiet taghat promozzjoni lir-rikorrent ghal dan il-grad gdid. Dan sar minghajr ma nhareg ebda rizultat fir-rigward tal-interview li kienu saru ghall-grad ta' Executive officer.

Illi r-rikorrent ipprotesta mas-superjuri tieghu ghaliex deherlu li kienet qed issir ingustizzja kbira mieghu, ghal ebda raguni valida x'aktarx ghal mottivi politici. Barra minn hekk, il-fatt li kien gie mcahhad minn dak li bi dritt kien tieghu halla effett negattiv fuq sahhtu.

Illi b'konsegwenza, ir-rikorrent kellu jirrikori anke ghand psikjatra, u fuq parir ta' dan ma kienx qieghed imur ix-xoghol.

Fil-fatt ir-rikorrent spicca biex gie 'boarded out' fit-30 ta' Gunju 1990. Huwa kien fadallu biss hames snin ohra xoghol biex jispicca bil-pensjoni.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra, ir-rikorrent bata wkoll telf finanzjarju konsistenti f'telf ta' awment ta' paga relattiva ghall-grad ta' Executive Officer li ghalih kien haqqu jiehu promozzjoni b'effett mis-27 ta' Settembru 1989 u anke telf f'ammont ta' pensjoni li qed jircievi, peress li din hija relativa ghall-ahhar paga li kellu meta kien ghadu fl-impjieg tal-kumpanija intimata.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-kumpanija intimata.

Illi biex isostni l-ilment tieghu ir-rikorrent kien bi hsiebu li jressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal jghogbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna li jinghta rimedju billi:

1) Jigi dikjarat illi huwa kellu jinghata l-promozzjoni li kien jisthoqqlu ghall-grad ta' Executive Officer fis-27 ta' Settembru 1989;
2) Jinghata kumpens ghat-telf fil-paga li bata b'rizultat tal-ingustizzja li sofra;
3) Ssir revizzjoni tal-pensjoni li qed jircievi ir-rikorrent, biex l-istess pensjoni tirrifletti z-zieda fil-paga relativa ghall-grad ta' Executive Officer.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrent jitlob li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5,000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5,000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tac-Chairman Air Supplies and Catering Co. Ltd. li eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti:-

a. Illi kontrarjament ghal dak li qed jallega r-rikorrent, ma saret ebda xorta ta' diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u ta' l-impjegati l-ohra u dana stante illi hadd ma kien gie promoss ghall-grad ta'

Executive Officer minhabba li hadd mill-applikanti ma kellu l-kwalifiki kollha rikjesti ghal tali grad.

b. Illi meta s-socjeta' intimata kienet iddecidiet li ghandu jinholoq il-grad ta' Officer, ir-rikorrent kien gie promoss ghal tali flimkien ma' impjegati ohra.

c. Illi filwaqt li l-intimat jiddispjacih ghal mard tar-rikorrent dan bl-ebda mod ma jista' jigi attribwit ghall-intimat u/jew ghax ma nghatax il-promozzjoni ta' Executive Officer.

d. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal permess, ir-rikorrent ma giex notifikat bil-lista tax-xhieda u lanqas bid-dokumenti u dana kif hu tassattivament rikjest fl-Artiklu 7(3) ta' l-Att VIII tal-1997 u ghalhekk jixtieq li jinghata l-opportunita' li jissottometti risposta ulterjuri, jekk ikun il-kaz, hekk kif issir in-notifika neccessarja.

Ghaldaqstant, l-intimat talab sabiex:-

a. preliminarjament din il-Qorti tordna n-notifika tad-dokumenti u tal-lista tax-xhieda u taghti lir-rikorrent ghoxrin jum ghar-risposta mid-data tan-notifika u

b. ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jigu sollevati waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, tichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti indikati fir-rikors u kien l-ewwel haddiem meta nfetah id-Duty Free Shop. Sostna li dejjem kien mahbub minn shabu fl-azjenda u kien fil-grad ta' Assistant Officer fejn kien puntwali u kien jaqdi d-dmirijiet tieghu bl-akbar dedikazzjoni u efficjenza ghas-sodisfazzjoni shih tas-superjuri tieghu. Wara ghamel xoghol ta' Purchasing Officer. Izda meta mal-bidla tal-gvern f'Mejju 1987 inbidel il-Management tal-Air Supplies & Catering Co. Ltd. beda jigi mwarrab mis-superjuri tieghu u anke bdiet issir diskriminazzjoni kontra tieghu. Tant hassu li qieghed jigi trattat hazin li spicca kellu jirrikorri ghand il-psikjatra Dr. Peter Muscat. Fil-frattemp spicca bis-sick leave u kellu jghaddi minn operazzjoni. Fit-2 t'Awissu 1989 attenda ghall-Interview ta' Executive Officer ghalkemm kien hass li kif kienet draftjata l-applikazzjoni din kienet specifikata ghal xi hadd partikolari. Meta fis-27 ta' Settembru 1989 hargu l-promotions dawn inghataw ghall-grad gdid ta' Officer minnflok dak ta' Executive Officer. Il-grad il-gdid ta' Officer kellu wkoll kundizzjonijiet ta' xoghol differenti minn dak ta' Executive Officer. Dan sar minghajr ma

nghatat ebda raguni jew spjegazzjoni u minghajr ma nhareg ebda rizultat tal-interview. Kien ipprotesta ghax hass li arbitrarjament il-Management iddecieda li jaghtih grad inferjuri ghal dak li kien applika ghalih, b'kundizzjonijiet ta' xoghol differenti. B'konsegwenza ta' dan kollu, sahhtu marret lura u gie "Boarded Out" fit-30 ta' Gunju 1990. Wara li gie boarded out sar jaf illi certu Emanuel Callejja li flimkien mieghu kien applika ghall-grad ta' Executive Officer u ghamel l-interview, kien inghata l-promozzjoni ghal dan il-grad cioe' Executive Officer - b'ittra tas-16 ta' Settembru 1991. Sostna li kawza ta' hekk ha paga ta' Officer minnflok ta' Executive Officer u telf fil-pensjoni. Xehed li dwar Calleja li sar executive in segwitu hu kellu seniority hafna aktar minn dan Calleja ghax kien l-ewwel persuna li dahal jahdem mal-Air Supplies.

Gie prezentat affidavit ta' Carmen Underwood mart ir-rikorrent li semmiet li zewgha kien kuntent hafna fuq ix-xoghol u kien bniedem habrieki izda wara l-1987 bdiet thossu inkwetat u mdejjaq. Hu waqa' f' depressjoni kbira u telghetlu l-pressjoni. Zewgha beda jhossu mwarrab. Eventwalment kellu bzonn jaghmel operazzjoni. Wara harget sejha ghall-applikazzjonijiet izda zewgha ma hax il-promozzjoni. Meta marru ghand il-psikjatra Dr. Peter Muscat dan irrakkomandalu li jigi boarded out.

Xehed Dr. Peter Muscat li semma li ra lir-rikorrent l-ewwel darba fid-9 ta' Ottubru, tal-1989. Semma li r-rikorrent kien qallu li qed ihossu disturbat hafna emozzjonalment - depressive moods, dwejjaq persistenti. Semma li r-rikorrent kien imdejjaq hafna b'

dak li qed jigri fuq ix-xoghol specjalment minhabba transfers u li hass li qed jaqbdu mieghu. Hin minnhom il-pozizzjoni tar-rikorrent tant marret lura li anke sahhtu bidet tigi pperikolata, anke fizika, u beda jonqos mill-piz, beda jmurlu l-aptit, beda iktar ikollu disturbi fl-irqad u s-sitwazzjoni tieghu baqghet dejjem tmur ghall-aghar. Kien hemm zmien meta kellu bzonn operazzjoni tal-prostata u kollox ma' kollox wassluh ghal burnout syndrome b' mod li ma setax ikkompli f' xogholu minhabba d-dwejjaq liema kundizzjoni ma tantx titfejjaq minnha. Ghalhekk kien irrakkomanda lir-rikorrent li jigi boarded out. Fl-analizi tieghu kien wasal li r-rikorrent kien dejjem sejjer ghall-aghar. Il-bidla fil-managers xi sitt xhur qabel inkwetatu ghax ma kienx hemm l-istess rapport li kellu mal-managers ta' qabel. Irrakkomandalu jieqaf mix-xoghol ukoll minhabba li r-rikorrent kien qieghed ibatu minn pressjoni gholja u coronary heart disease.

Xehed Tony Zarb Segretarju Generali tal-General Workers` Union u semma li dak iz-zmien kien segretarju tat-Taqsima Port u Trasport. Semma li ghall-ewwel kienet harget call ghal Executive Officer I - applikazzjonikienet interna. Semma li l-kumpanija tat promozzjoni ghall-officers lir-rikorrent u lil certu wiehed Calleja izda ma tathomx promozzjoni ghal executives bhal kif kienet harget il-call precedentement. Il-kundizzjonijiet ghall-grad ta` officer kienu inqas inkluz il-paga. Semma li r-rikorrent kien imur jaghmel ilmenti mal-union u dana minhabba l-fatt illi l-kumpanija kienet qed tassenjalu xoghol f` postijiet differenti u li ma kienux propjament jirriflettu l-kategorija tieghu. Semma wkoll li l-kumpanija kienet baghatitu ghassa ma` xi bar boxes fis-sens li kien

jimla l-formoli ghal dawn il-bar boxes. Wara baghatuh xi postijiet ohra bhad-duty free. Semma li in segwitu r-rikorrent kienet qabditu depressjoni u rtira. Xi sena u nofs wara l-kumpanija kienet regghet harget applikazzjonijiet ohra ghall-grad ta` executive u fil-fatt kien sar is-Sur Calleja li kien l-istess persuna li flimkien mas-Sur Underwood kien applika originarjament u li hu u s-Sur Underwood flimkien kienu gew moghtija r-rank ta' officer minnflok ta` executive.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien applika ghar-rank ta' Executive Officer mas-Socjeta` intimata in segwitu ta' internal call for applications. Illi r-rikorrent ma giex moghti tali promozzjoni u minnflok gie moghti r-rank ta' Officer. Sena u nofs wara li r-rikorrent irtira lahaq fir-rank ta' Executive Officer certu Calleja li wkoll kien applika qabel flimkien mar-rikorrent izda li wkoll kien gie moghti r-rank ta' Officer.

Ir-rikorrent isostni li dan kollu jammonta ghal ingustizzja. Dan it-Tribunal certament ma jistax iqis li l-ghoti bhala tali tar-rank ta' Officer kienet ingustizzja ghax kienet promozzjoni izda jrid jezamina jekk in-nuqqas tal-ghoti ta' promozzjoni ghal Executive Officer kenitx tammonta ghal ingustizzja. Is-socjeta` intimata eccepiet li hadd ma gie promoss ghall-grad ta' Executive Officer minhabba li hadd mill-applikanti ma kellu l-kwalifiki rikjesti ghal tali grad. Issa r-rikorrent f' ebda stadju tal-kawza ma pproduca lill-bord li ghamel l-interview jew xi rizultati jew is-sistema tal-allokazzjoni tal-marki. Anqas ma pproduca xi skeda komparattiva

ta' kwalifiki, esperjenza u kriterji pozittivi ohra tar-rikorrent fl-imkien ma' applikanti ohrajn hlief ghall-fatt li semma li hu kien senior ta' Calleja. Imkien ma semma r-rikorrent xi kwalifiki kellu u allura kif jista' dan it-Tribunal jsostni li saret ingustizzja mar-rikorrent meta dan ma nghatax ir-rank ta' Executive Officer? Certament dan ma rrizultax mill-provi tal-kawza.

Jibqa' biss ghalhekk li wiehed jezamina jekk l-ghoti ta' tali promozzjoni lil Calleja sena u nofs wara tistax titqies bhala ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent. Hawn it-Tribunal jerga' jsemmi li r-rikorrent ma gabx prova tal-kwalifiki rispettivi tieghu u ta' Calleja. Inoltre l-promozzjoni nghatat lil Calleja sena u nofs wara, f' liema sena u nofs Calleja kompla jiehu aktar esperjenza fil-grad ta' Officer. Ukoll it-Tribunal m' ghandux provi ta' kif sar Calleja sena u nofs wara u jekk hargitx xi applikazzjoni gdida u jekk sarx xi interview gdid. Illi ghalhekk it-Tribunal m' ghandux provi sufficjenti biex jiddikjara li fil-kaz tar-rikorrent saret xi ingustizzja mis-socjeta` intimata.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.